# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 77**

**Nhar l-Erbgħa 14 ta' Novembru 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 77 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 14 ta' Novembru 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Mario Sammut – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:28pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
77.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
77.4 Korrispondenza
77.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
77.6 Rapporti;
77.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
77.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
77.9 Mozzjonijiet;
77.10 Proposta ta' Bdil fl-Immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq Sir Harry Luke min TM
77.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tal-Laqgħa li jmiss
TMIEM

**77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

77.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva żewġ noti ta' apoloġija għal din il-laqgħa, mingħand il-Kunsillieri Mario Sammut u Clayton Gauci, li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

77.1.1.i Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta dawn in-noti u għalhekk dawn iż-żewġ Kunsillieri tniżżlu bħala assenti b' apoloġija.

**77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

77.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

77.3.1 Is-Sindku informa dwar laqgħat li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu ma' Transport Malta dwar Triq il-Kbira (kif issemma' anke fil-minuti tal-Laqgħa ta' qabel) u dwar Triq Sir Harry Luke, li ser tkun diskussa aktar żil quddiem f' punt 77.10.

77.3.2 Is-Sindku informa li taħt l-iskema tal-libreriji pubbliċi, kien ser jiġi installat sistema ta' fire-alarm fi-librerija. Ġa sar ix-xogħol ta' preparamenti qabel.

77.3.3 Is-Sindku ta' rendikont tal-attivita li saret filjum ta' qabel fejn ġew rilaxxati fil-baħar għadd ta' fkieren mill-Ġnejna. Għal din l-attivita' kienu mistiedna it-tfal tal-iskola primarja tal-Imġarr.

77.3.4 Is-Sindku informa li, bħala għajnuna lil Malta Community Chest Fund, kien ser jinxtraw numru ta' kotba dwar il-Belt Valletta u dwar riċetti Maltin. Dawn il-kotba ser jintużaw kemm fil-librerija kif ukoll biex jingħataw bħala rigali meta jkun hemm il-bżonn.

**77.4 Korrispondenza**

77.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

77.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara talba li saret mill-Kunsill, it-tmiem tal-proġett ta' Miżura 4.3 dwar xogħlijiet f' toroq rurali ġie estiż sal-aħħar tas-sena.

77.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien ser jintbgħat fuljett f' kull residenza dwar il-ġranet tal-ħbir ta' skart fil-btajjel pubbliċi għas-sena 2019.

77.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mingħand is-Sa. Natasha Cassar, ħaddiema fl-istaff tal-Kunsill, li, skont il-ftehim kollettiv, kienet waslet sabiex titla' fl-iSkala ta' Salarju 10. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien ra mad-DLG li din it-talba hija effettivament skont il-ftehim kollettiv. Il-Kunsill approva dan u is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jieħu il-pass biex din il-bidla ssir mis-salarju li jmiss.

**77.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

77.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**77.6 Rapporti**

77.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**77.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

77.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lil Kunsill li ma kien irċieva l-ebda' tender għas-sejħa tax-xogħlijiet relatati mas-sit tal-mixtla ta' Tal-Facciol. Wara li l-Kunsill iddiskuta, qabel unanimament li tintbgħat talba formali lid-Dipartiment biex il-Kunsill jingħata permess imur għal Direct Order ħalli x-xogħol ikun jista jsir u jitwettaq kemm jista' jkun malajr.

**77.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

77.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 12 li kienet tammonta għall-Ewro 17,649.74.

77.8.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament.

**77.9 Mozzjonijiet**

77.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet waqt din il-laqgħa.

**77.10 Proposta ta' Bdil fl-Immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq Sir Harry Luke min Transport Malta**

77.10.1 Il-Kunsill iddiskuta proposta mibgħutha lilu mis-Segretarjat ta' Infrastructure Malta fi' ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali sabiex it-traffiku fi' Triq Sir Harry Luke jitħalla jgħaddi f' direzzjoni waħda biss. Din il-proposta kienet tinvolvi wkoll li it-traffiku jgħaddi minn Triq San Pietru.

77.10.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta fit-tul u bir-reqqa u ra li, għalkemm kien jaqbel li Triq Sir Harry Luke issir one-way, ma kienx qed jaqbel li it-traffiku jgħaddi minn Triq San Pietru minħabba diversi raġunjiet, fosthom l-iskola primarja, toroq dojoq u oħrajn.

77.10.3 Għaldaqstant, il-Kunsill kien qed jipproponi li biex issir diversion effettiva, kellha tinfetaħ il-biċċa ta' Triq il-Konkors Teatrali u tingħata tarmak biex b' hekk toħloq diversion effettiva u sigura.

77.10.4 Il-Kunsill kien jaqbel ukoll li jsiru xi tip ta’ traffic sensors biex meta karozzi tal-linja jkun telgħin minn Triq Sir Harry Luke (la darba din issir one-way) il-karrozzi li jkun ħerġin mit-toroq tal-ġnub (Triq San Filippu u Triq San Pawl) jitwaqqfu sakemm din tgħaddi.

77.10.5 Il-Kunsill qabel ukoll li tintbgħat korrispondenza lil Infrasturcture Malta dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi’ Triq Sir Harry Luke li jinqabad fid-djar u r-residenzi, kif ukoll il-fossos tad-dranaġġ li jinżlu taħt it-tarmak, u biex, qabel ma din it-triq issir kif inhu ppjanat, jiġu solvut dawn il-problemi l-ewwel.

**77.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

77.11.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:27pm.

77.11.2 Il-Laqgħa numru 78 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 12 ta’ Diċembru 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***